KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Settembru 2006

dwar l-għajnuna mill-Istat C 45/04 (ex NN 62/04) favur il-produttur ta' l-azzar Ċek Třinecké železárny a.s.

(notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 5245)

(Il-verżjoni Ċeka biss hi awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/319/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 2 dwar ir-ristrutturar ta' l-indusrija ta' l-azzar Ċeka tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ikkwotati aktar 'il fuq [1],

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Fit-12 ta' Novembru 2003 il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni li l-Gvern Ċek kien adotta r-"Riżoluzzjoni li tikkonċerna l-fażi finali tar-ristrutturar tas-settur ta' l-azzar u li tipproponi soluzzjoni għal Třinecké železárny a.s." (minn hawn 'il quddiem imsejħa "TŽ"). Ir-Riżoluzzjoni indikat li l-Gvern ippjana li jagħti għajnuna statali li tammonta għal madwar CZK 1,9 biljun (madwar EUR 67 miljun) [2] lil TŽ.

(2) Fir-Riżoluzzjoni l-Gvern Ċek ta l-kunsens tiegħu għal dawn it-tranżazzjonijiet li ġejjin:

— Il-Gvern Ċek jakkwista minn TŽ, permezz ta' l-Aġenzija tal-Konsolidazzjoni Ċeka ("CCA"), l-10,54 % sehem li kellhom TŽ fil-kumpanija ta' l-azzar ISPAT Nová Huť ("INH"). Il-prezz għal dawn l-ishma jiġi stabbilit mill-Ministeru tal-Finanzi bi ftehim mal-Ministeru ta' l-Industrija u l-Kummerċ.

— Is-CCA tittrasferixxi 10 000 sehem b'valur nominali ta' CZK biljun (EUR 35 miljun), maħruġa mit-trasferimenti tas-CCA 10,000 sehem b'valur nominali ta' CZK biljun (EUR 35 miljun), maħruġa minn TŽ u li bħalissa qegħdin għand CCA, jingħataw lura lil TŽ, għall-prezz totali ta' CZK 100 miljun (EUR 3.5 miljun), jiġifieri 10 % biss tal-valur nominali tagħhom li bħalissa qegħdin għand CCA, lura lil TŽ, għall-prezz totali ta' CZK 100 miljun (EUR 3,5 miljun), jiġifieri 10 % biss tal-valur nominali tagħhom.

(3) Ir-Riżoluzzjoni tistipula wkoll li ż-żewġ tranżazzjonijiet jistgħu jidħlu fis-seħħ biss wara li jkollhom deċiżjoni pożittiva mingħand l-uffiċju Ċek għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (OPC) li tinħareġ wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea.

(4) Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni marbuta mat-tranżazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq.

(5) Saru laqgħat fl-10 ta' Diċembru 2003 u s-7 ta' Jannar 2004 bejn il-Prim Ministru Ċek u l-Ministru tal-Kummerċ u l-Industrija u l-Kummissarju għall-Kompetizzjoni. Sar qbil li tkun rispettata l-aħħar stqarrija tar-Riżoluzzjoni (ara punt 3).

(6) Fl-20 ta' Frar 2004 il-Kummissjoni rċeviet deskrizzjoni tal-proġetti kollha li għalihom il-Gvern Ċek kellu fi ħsiebu li jagħti għajnuna statali lil TŽ. Fis-17 ta' Marzu 2004 saret konsultazzjoni teknika fi Brussell bejn id-dipartimenti tal-Kummisjoni, ir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet Ċeki u l-kumpanija.

(7) Fid-29 ta' Marzu u fid-29 ta' April 2004 il-Kummissjoni bagħtet il-kummenti tagħha lill-awtoritajiet Ċeki fejn indikat li fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li kellha ma setgħetx teskludi li l-pjan tal-Gvern Ċek li jakkwista l-ishma ta' l-INH li kellha TŽ kien ser ikun aktar mill-prezz tas-suq, b'hekk jinvolvi għajnuna statali favur dan ta' l-aħħar, u li l-għajnuna statali li tiffinanzja l-proġetti differenti ta' TŽ ma kinitx tidher li hi kompatibbli mar-regoli preżenti tal-Komunità għall-għajnuna statali.

(8) Fit-22 u t-30 ta' April 2004 l-Uffiċju Ċek għall-Protezzjoni mill-Kompetizzjoni awtorizza l-għajnuna statali lil TŽ.

[1] ĠU C 22, 27.1.2005, p. 2

[2] Il-konverżjoni tal-munita użata f'din id-deċiżjoni hi EUR 1 = CZK 28.43 (skond l-20 ta' Settembru 2006) u li qiegħda biss għall-informazzjoni.

(9) Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Diċembru 2004 il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Ċeka li ddeċidiet li tibda l-proċeduri fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE u talbet għal ċerta informazzjoni.

(10) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment.

(11) Permezz ta' ittri tal-31 ta' Jannar 2005, li kienu reġistrati bħala ittri riċevuti fl-1 ta' Frar 2005, ir-Repubblika Ċeka rrispondiet għal xi wħud mill-mistoqsijiet imqanqla fid-Deċiżjoni biex tibda l-proċedura ta' l-investigazzjoni formali.

(12) Permezz ta' ittra tat-18 ta' April 2005, il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni li ngħatat permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2005, li kienet reġistrata bħala ittra riċevuta fit-18 ta' Mejju 2005.

(13) Permezz ta' ittra ta' l-4 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni talbet kopja ta' ċerti dokumenti kkwotati mill-awtoritajiet Ċeki, li kienu sottomessi permezz ta' ittra tal-21 ta' Lulju 2005, reġistrata bħala ittra riċevuta fil-25 ta' Lulju 2005.

(14) Permezz tal-posta elettronika fl-10 ta' Awwissu 2005, l-awtoritajiet Ċeki nformaw lill-Kummissjoni dwar l-elementi l-ġodda.

(15) Permezz ta' ittra tat-28 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni, li ngħatat waqt laqgħa ma' l-awtoritajiet Ċeki fid-29 ta' Settembru 2005 u permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru 2005, reġistrata bħala ittra riċevuta fid-19 ta' Ottubru 2005.

(16) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni li ngħatat permezz ta' ittra ta' l-20 ta' Marzu 2006, li kienet reġistrata bħala ittra riċevuta fil-21 ta' Marzu 2006. F'din l-ittra, l-awtoritajiet Ċeki indikaw li ma kinux ser iħallsu l-għajnuna ta' l-għeluq għax TŽ għamlet xi tibdil fl-istrateġija kummerċjali tagħha.

(17) Permezz ta' ittra tat-18 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni, li ntbagħtet permezz ta' ittra tas-16 ta' Awwissu 2006.

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

(a) **Miżuri adottati f'April 2004**

(18) Fl-14 ta' April 2004 il-Gvern tar-Repubblika Ċeka għadda riżoluzzjoni li tispeċifika li għandu jitħallas prezz ta' CZK 1 250 għal kull sehem lil TŽ għal 1 306 920 sehem ta' l-INH li għandha bħalissa, li jirrappreżenta 10,54 % tal-kapital ta' din il-kumpanija. Fit-22 ta' April 2004 l-OPC ikkonsidrat li din it-tranżazzjoni ma kinitx tinvolvi għajnuna statali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. It-tranżazzjoni saret fl-aħħar ta' dak ix-xahar.

(19) Fit-30 ta' April 2004 l-OPC awtoriżżat għajnuna statali lil TŽ fil-forma ta' trasferimenti ta' *bonds* b'valur totali nominali ta' madwar CZK 576,7 miljuni (EUR 20 miljun) għal taħriġ ambjentali, ta' riċerka u żvilupp u proġetti ta' l-għeluq għas-snin 2004-2006. Parti minn dan kien għajnuna ta' CZK 44 088 300 (EUR 1,5 miljun) għall-proġetti ta' taħriġ u CZK 4 152 500 (EUR 0,14 miljun) għal proġett ta' għeluq.

(b) **Informazzjoni dwar il-kumpanija**

(20) TŽ kienet ipprivatizzata f'nofs is-snin 90 u kienet totalment ristrutturata mingħajr appoġġ mill-istat.

(21) L-iskop kummerċjali ewlieni ta' TŽ hu l-produzzjoni metallurġika (ta' l-azzar) b'ċiklu metallurġiku magħluq. Apparti mill-produzzjoni tal-kokk, tal-metall mhux maħdum u ta' l-azzar, il-prodotti prinċipali tal-kumpanija huma l-prodotti magħmula minn impjanti bir-rombli, jiġifieri mases tal-ħadid għall-forma, ċangaturi, ingotti, wajer imgerbeb, azzar rinfurzat, u sezzjoni għal azzar ħafif, medju u tqil. TŽ hu l-uniku produttur tal-linji tal-ferrovija fir-Repubblika Ċeka.

2. **RAĠUNIJIET BIEX JIBDEW IL-PROĊEDURI**

(22) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jibdew il-proċeduri formali għall-investigazzjoni kienu jikkonċernaw tlieta mill-miżuri li ttieħdu mill-Istat favur TŽ, jiġifieri x-xiri ta' l-ishma, l-għajnuna għat-taħriġ, u l-għajnuna għall-għeluq. Il-miżuri l-oħra għall-għajnuna (R&D u l-protezzjoni ambjentali) kienu konformi mar-regoli rilevanti u mhumiex is-suġġett tal-proċedura preżenti ([4]). Fid-deċiżjoni tagħha biex jibdew il-proċeduri, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha li dawn it-tliet miżuri implimentati mir-Repubblika Ċeka qabel l-adeżjoni kienu jinvolvu għajnuna bil-moħbi għar-ristrutturar lil TŽ, li jmur kontra l-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003 (minn hawn 'il quddiem "Protokoll Nru 2").

([4]) L-awtoritajiet Ċeki nformaw lill-Kummissjoni permezz ta' ittra ta' l-20 ta' Marzu 2006 li setgħu jikkonsidraw tibdil f'dawn il-proġetti. Il-Kummissjoni tifhem li dan it-tibdil ikun notifikat skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(23) Rigward l-għajnuna għat-taħriġ u l-għajnuna għall-għeluq, il-Kummissjoni kellha d-dubji li fiż-żmien li ngħatat l-għajnuna kienet tikkonforma mal-ħtiġijiet korrispondenti tar-regoli eżistenti ta' l-għajnuna statali tal-Komunità ([5]). Id-dokumenti sottomessi lill-Kummissjoni fi Frar u f'Marzu 2004 ma kinux ċari rigward l-għanijiet u l-kundizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ miżuri ta' għajnuna. L-informazzjoni vaga pprovduta fid-deċiżjoni ta' l-OPC ma ppermettitx li jsir l-iċċekkjar jekk din l-għajnuna kinitx fil-fatt mogħtija skond ir-regoli rilevanti.

(24) Rigward ix-xiri ta' l-ishma ta' l-INH li kellhom TŽ, il-Kummissjoni kellha dubju jekk il-prezz ta' CZK 1 250 għal kull sehem li ħallas l-Istat kienx ikun aċċettabbli għall-investitur fl-ekonomija tas-suq u kienx ħieles minn kull għajnuna favur il-bejjiegħ. Fil-fatt, f'Marzu 2004 il-Kummissjoni għas-Sigurtà Ċeka ("CSC") awtoriżżat lill-INH biex terġa' tixtri lura l-ishma tagħha mis-suq ta' l-ishma bil-prezz ta' CZK 550. Fis-sottomissjoni tagħha lis-CSC, l-INH saħħet l-appoġġ għall-prezz propost mir-rapport tal-valutazzjoni ta' espert. Il-Kummissjoni osservat li l-Istat ma tax każ tal-prezz ħafna orħos approvat mis-CSC xi ġimgħat qabel u aċċetta li jħallas il-prezz ikkalkulat mill-espert tiegħu stess (KPMG).

(25) It-titlu tar-Riżoluzzjoni Nru 1126 tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka adottata fit-12 ta' Novembru 2003, li kien jgħid li din ir-riżoluzzjoni "tikkonċerna l-iffinaliżżar tar-ristrutturar tas-settur ta' l-azzar u tipproponi soluzzjoni għal Třinecké železárny, a.s" kompla saħħaħ id-dubji tal-Kummissjoni.

(26) Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet li tinvestiga jekk dawn it-tliet miżuri kinux jikkostitwixxu għajnuna moħbija għar-ristrutturar lill-produttur ta' l-azzar TŽ u għalhekk kienu jmorru kontra l-Protokoll Nru 2.

3. **KUMMENTI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA**

Għajnuna għat-taħriġ

(27) L-awtoritajiet Ċeki ssottomettew lill-Kummissjoni kopji tal-proġetti kollha għat-taħriġ ta' l-impjegati ta' TŽ għall-perjodu 2004-2006, li kienu eżaminati mill-OPC u li abbażi tagħhom ingħatat l-għajnuna statali. Barra dan, huma spjegaw fid-dettal l-attivitajiet kollha koperti mit-taħriġ ġenerali u speċifiku u indikaw kif l-għajnuna għat-taħriġ kienet ser ittejjeb u taġġorna l-livelli ta' ħiliet ta' l-impjegati tal-kumpanija u l-kapaċità għall-impjieg fid-dawl ta' l-isfidi l-ġodda tas-suq.

([5]) Il-miżuri l-oħra ta' għajnuna huma konformi mal-linji gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna Statali għall-Potezzjoni Ambjentali (ĠU C 37, 3.2.2001 p, 3), u l-Qafas għall-Għajnuna Statali għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Komunità (ĠU C 45, 17.2.1996, p. 5)

(28) Il-proġetti ta' taħriġ, li għandhom isiru mill-2004 sa l-2006, jikkonsistu fi programm ta' taħriġ komprensiv ta' diversi korsijiet differenti (żvilupp personali, komunikazzjoni, *marketing*, taħriġ fil-maniġment, awditjar, teknoloġiji ġodda, inġinerija, kwalità, eċċ). L-ispiża totali eliġibbli għal dawn il-proġetti tammonta għal CZK […] (*) L-ammonti ta' għajnuna totali jammontaw għal CZK 44 088 300 (EUR 1,5 miljuni).

Għajnuna għall-għeluq

(29) Fl-ittra tagħhom ta' l-20 ta' Marzu 2006, l-awtoritajiet Ċeki indikaw li ma kinux ser iħallsu l-għajnuna għall-għeluq, li tammonta għal CZK 4 152 500 (EUR 14-il miljun), li tkopri parti mill-ħlas għar-*redundancy* lill-impjegati tal-forn li ngħalaq minħabba li TŽ biddlet l-istrateġija tan-negozju.

Ix-xiri ta' l-ishma ta' l-INH li kellhom TŽ

(30) L-awtoritajiet Ċeki jsostnu li huma aġixxew bħal investitur f'ekonomija tas-suq meta ma qisux il-prezz ta' CZK 550 approvat mis-CSC u konsekuttivament innegozjaw il-prezz mal-bejjiegħ – TŽ – abbażi tar-rapport ta' l-espert (ir-rapport ta' KPMG). Biex isaħħu din l-asserżjoni, l-awtoritajiet Ċeki ressqu diversi elementi, li jinkludu dan li ġej.

(31) L-ewwel, huma jsostnu li investitur f'ekonomija tas-suq jaf li l-interess ta' kumpanija (f'dan il-każ l-INH), jkun jrid iħallsu l-orħos prezz possibli meta tiġi biex terġa' tixtri lura l-ishma tagħha stess. Għalhekk, waqt in-negozjati tal-prezz ta' l-ishma mal-bejjiegħ, l-investitur razzjonali ma jikkonsidrax il-prezz propost fil-qafas ta' l-offerta għax-xiri lura bħala li jikkostitwixxi l-valur tas-suq.

(32) It-tieni, l-awtoritajiet Ċeki jargumentaw li ma tistax tiġbed konklużjoni mill-fatt li l-prezz propost minn INH kien imsaħħaħ minn rapport ta' espert u kien approvat mis-CSC li kien jirrappreżenta l-valur tas-suq ta' l-ishma:

(a) Fil-fatt, fir-rigward tar-rapport ta' l-espert, l-investitur fl-ekonomija tas-suq jaf li l-espert jintgħażel u jitħallas mill-INH, li kienet interessata b'mod partikolari li tiffissa prezz irħis għax-xiri. Għalhekk wieħed jista' jiddubita mill-imparzjalità tar-rapport ta' l-espert u hemm suspett li kien hemm tendenza li jiġi ffissat prezz orħos;

(*) Sigriet kummerċjali.

(b) Rigward il-fatt li l-prezz kien approvat mis-CSC, l-awtoritajiet Ċeki jisħqu li, kuntrarju għall-ipotesi tal-Kummissjoni kif espressa fid-deċiżjoni tal-bidu, is-CSC tivvaluta t-talba abbażi tal-liġi applikabbli u tal-metodoloġija interna tagħha dwar "Rapporti ta' esperti li jiffissaw il-prezz għas-sigurtajiet parteċipattivi fi ħdan talba mandatorja ta' akkwiżizzjoni u fi ħdan offerta pubblika ta' xiri ta' ishma" u hi m'għandhie il-kompetenza li tiffissa l-prezz ta' l-ishma nfushom jew li tibdel ir-rapport ta' valutazzjoni ta' l-espert ma' l-analiżi tagħha stess. Is-CSC ddeċidiet biss jekk kinux sodisfatti l-ħtiġijiet legali kollha għall-offerta tat-*tender* biex tixtri lura l-ishma tal-kumpanija u għar-rapport ta' valutazzjoni mill-espert.

(33) It-tielet, b'żjieda ma' l-aħħar konsiderazzjoni, l-awtoritajiet Ċeki jindikaw li, qabel ma eventwalment tat l-approvazzjoni tagħha f'Marzu 2004, is-CSC kienet diġa' irrifjutat sottomissjoni mill-INH u waħda minn LNM (l-azzjonist maġġoritarju ta' l-INH). Tassew, li fiż-zewġ każi r-rapport ta' l-espert li kien jifforma l-bażi għall-prezz propost kien fih nuqqasijiet serji fejn jidħlu l-ħtiġijiet regulatorji għal rapport ta' espert. L-INH imbagħad għamlet sottomissjoni ġdida abbażi ta' rapport ta' valutazzjoni li kien jirrispetta l-ħtiġijiet regulatorji. Is-CSC ma kellhiex fuqhiex tirrifjuta din l-aħħar sottomissjoni u konsegwentement approvatha. Skond l-awtoritajiet Ċeki, investitur fl-ekonomija tas-suq kien jinterpreta dan ir-rifjut doppju aktar bikri mis-CSC bħala konferma ta' l-aspetattivi tagħha li l-INH u l-LNH permezz ta' dawn in-nuqqasijiet identifikati mis-CSC fir-rapporti ta' l-espert, biex jissottovalutaw il-kumpanija sabiex ikunu jistgħu jħallsu l-anqas prezz possibli għall-ishma li ppjanaw li jixtru lura.

(34) Ir-raba', l-awtoritajiet Ċeki jindikaw li investitur f'ekonomija tas-suq jikkonsidra li l-prezz ta' CZK 550 huwa sottovalutat jekk wieħed iqis il-fatt li jikkorrispondi għal relazzjoni bejn il-prezz (tas-suq) u l-qliegħ (P/E) esaġeratament baxxa. Tasal għal dan il-proporzjon billi tiddividi l-prezz ta' sehem bil-profitt nett minn kull sehem. Abbażi tal-profitt nett ta' l-INH għall-2003, li seta' jiġi stmat fil-bidu ta' l-2004 meta saret it-tranżazzjoni, prezz ta' CZK 550 għal kull sehem jagħti P/E ta' madwar 1,25. Prezz ta' CZK 1 250 għal kull sehem jagħti P/E ta' 2,8, li kien fil-qiegħ nett tal-kejl tal-P/E għall-produtturi ta' l-azzar ikkwotati fil-borża. Fi kliem ieħor, il-prezz ikkalkulat mill-espert ta' l-INH jikkorrispondi għal valutazzjoni ferm baxxa tal-kumpanija, li ma kinitx rikonċiljabbli mal-valutazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-kumpaniji li dak iż-żmien kienu joperaw fis-settur ta' l-azzar.

(35) Finalment, l-awtoritajiet Ċeki jindikaw li l-offerta pubblika ta' l-INH biex jixtru lura l-ishma tagħhom bil-prezz ta' CZK 550 kellha rispons fqir. Il-maġġoranza l-kbira ta' l-investituri eleġibbli ddeċidew li ma jbigħux l-ishma tagħhom b'dan il-prezz. Bosta minnhom ilmentaw u allegaw ksur tad-drittijiet tagħhom.

4. IL-VALUTAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA

4.1. Il-liġi applikabbli

(36) Il-protokoll Nru 2 jippermetti li tingħata għajnuna ristrutturata mill-istat lill-industrija ta' l-azzar Ċeka in konnessjoni mar-ristrutturar tagħha fil-perjodu ta' bejn l-1997 u l-2003 sa massimu ta' CZK 14 147 miljun (EUR 453 miljun). Il-Protokoll jikkombina l-għotja ta' għajnuna statali ma' diversi kundizzjonijiet, *inter alia*, biex jerġgħu jistabbilixxu l-vijabblilità u l-impenn li jnaqqsu l-kapaċità.

(37) Punt 1 ta' Protokoll Nru 2 jistipula li "Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, l-għajnuna statali mogħtija mir-Repubblika Ċeka għal skopijiet ta' ristrutturar lill-partijiet speċifiċi ta' l-industrija ta' l-azzar Ċeka għandha tfisser li tkun kompattibli mas-suq komuni" jekk, *inter alia*, jinkisbu l-kundizzjonijiet li saru fil-Protokoll.

(38) Punt 3 ta' Protokoll Nru 2 jistipula li "*l-kumpaniji imniżżla f'Anness 1 biss għandhom ikunu eleġibbli għall-għajnuna statali fil-qafas tal-programm Ċek għar-ristrutturar ta' l-azzar*." TŻ ma tissemmiex f'Anness 1

(39) L-aħħar sentenza ta' punt 6 ta' Protokoll Nru 2 jipprojbixxi li tingħata xi għajnuna addizzjonali għall-iskop ta' ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar Ċeka. Għal dan il-għan, punt 20 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tieħu "passi xierqa li ġġiegħel li kull kumpanija kkonċernata tirrifondi kull għajnuna mogħtija bi ksur tal-kundizzjonijiet mniżżla f'dan il-Protokoll" jekk il-monitoraġġ tar-ristrutturar ma jkunx konformi mal-mod kif tingħata "għajnuna addizzjonali statali inkompatibbli lill-industrija ta' l-azzar".

(40) Il-perjodu ta' grazzja biex tingħata għajnuna għar-ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar Ċeka skond il-Ftehim Ewrpoew ġie estiż mill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2006. Dan il-ftehim kien rikonnoxxut mill-Protokoll Nru 2. Sabiex jilħaq dan il-għan, il-Protokoll ikopri perjodu ta' żmien li jestendi minn qabel sa wara l-adeżjoni. B'mod aktar preċiż, il-Protokoll awtorizza ammont żgħir ta' għajnuna għar-ristrutturar għas-snin 1997-2003 u jipprojbixxi kull għajnuna oħra għal skopijiet ta' ristrutturar lill-industrija ta' l-azzar Ċeka bejn l-1997 u l-2006. F'dan ir-rigward, b'mod ċar hu differenti minn dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003, bħalma hu l-mekkaniżmu interim imwaqqaf f'Anness IV (il-"proċedura għall-għajnuna eżistenti"), li tikkonċerna biss l-għajnuna statali mogħtija qabel l-adeżjoni safejn "tkun għadha applikabbli wara" d-data ta' l-adeżjoni. Il-Protokoll Nru 2 għalhekk, jista' jitqies bħala *lex specialis* li, għall-materji li jkopri, jieħu post kull diżpożizzjoni oħra tat-Trattat ta' Adeżjoni.

(41) Konsegwentement, filwaqt li l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE normalment ma japplikawx għall-għajnuna mogħtija wara l-adeżjoni, id-diżpożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 2 jestendu l-kontroll ta' l-għajnuna statali skond it-Trattat tal-KE għal kwalunkwe għajnuna mogħtija qabel l-adeżjoni għar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar Ċeka bejn l-1997 u l-2006.

(42) Il-protokoll Nru 2 ma japplikax għall-miżuri oħra ta' għajnuna mogħtija lill-industrija ta' l-azzar Ċeka għal skopijiet speċifiċi li jistgħu jiġu dikjarati kompatibbli ma' miżuri oħra, bħalma huma għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, għajnuna għall-protezzjoni ambjentali, għajnuna għat-taħriġ, u għajnuna għall-għeluq, eċċ. Dawn il-miżuri ta' għajnuna ma jaqgħux taħt l-għan ta l-Artikoli 87 u 88 jekk jiġu mogħtija qabel l-adeżjoni u mhumiex applikabbli wara l-adeżjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Protokoll ma jillimitax il-possibiltà li jagħti xi forom oħra ta' għajnuna lill-kumpaniji ta' l-azzar Ċeki skond l-*acquis* tal-Komunità. Naturalment, ma jillimitax il-possibiltà li jaddotta miżuri li ma jikkwalifikawx bħala għajnuna, eż. injezzjonijiet ta' kapital skond it-test ta' l-investitur privat fl-ekonomija tas-suq. Mill-banda l-oħra, kull miżura li tikkonċerna l-kumpaniji ta' l-azzar Ċeki li tikkostitwixxi għajnuna statali u li ma titqiesx bħala kompatibbli mas-suq komuni taħt regoli oħra għandha tiġi kkunsidrata bħala għajnuna għar-ristrutturar – jew fi kwalunkwe każ, bħala għajnuna marbuta mar-ristrutturar għas-settur ta' l-azzar Ċek u għalhekk tiġi taqa' taħt Protokoll Nru 2.

(43) Għaldaqstant, skond il-prassi kostanti tagħha u skond punt 20 ta' Protokoll nru 2, il-Kummissjoni tista' għalhekk tivvaluta l-miżuri ta' proċedura ta' investigazzjoni formali skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fejn tissuspetta li l-awtoritajiet Ċeki taw għajnuna lill-kumpaniji ta' l-azzar li mhumiex kompatibbli mas-suq komuni għal raġunijiet 'il hinn mir-ristrutturar u li, għalhekk, il-Protokoll Nru 2 ma jkunx qed jiġi osservat mir-Repubblika Ċeka. Japplika wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' marzu 1999 li jfassal regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 ([6]).

4.2. **L-eżistenza ta' l-għajnuna**

Għajnuna għat-taħriġ

(44) Sussidji għat-taħriġ favur TŻ jikkostitwixxu għajnuna statali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Huma ffinanzjati mill-Istat jew permezz tar-riżorsi ta' l-Istat. Dawn il-mezzi finanzjarji addizzjonali jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni fil-Komunità billi jagħtu vantaġġ lil TŻ fuq kompetituri li ma jirċevux għajnuna. Fl-aħħarnet, hemm kummerċ estensiv bejn l-Istati Membri fis-settur ta' l-azzar li fih TŻ għandha parti importanti, għalhekk l-għajnuna għandha mnejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Għajnuna għall-għeluq

(45) L-awtoritajiet Ċeki mhumiex ser iħallsu lil TŻ għall-għajnuna għall-għeluq li tkopri parti mill-ħlas għar-*redundancy* lill-impjegati tal-forn li ngħalaq minħabba bidla fl-istrateġija tal-kummerċ ta' TŻ. Għaldaqstant il-kumpanija mhux ser tirċievi l-għotja ta CZK 4 152 500 (EUR 0,146 miljun) li kienet imwiegħda lilha suġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Għaldaqstant din il-miżura ta' l-awtoritajiet Ċeki saret mhux operattiva.

Ix-xiri ta' l-ishma ta' l-INH li kellhom TŻ

(46) Il-Kummissjoni ser tanaliżża, fl-ordni li fiha jidhru fis-sezzjoni preċedenti "il-Kummenti mir-Repubblika Ċeka", l-elementi mressqa mill-awtoritajiet Ċeki biex isostnu l-asserzjoni tagħhom li huma aġixxew bħala investitur fl-ekonomija tas-suq ([7]) meta ma qisux il-prezz ta' CZK 550 fi ħdan il-qafas tan-negozjati mal-bejjiegħ, sottomess minn INH u approvat mis-CSC.

(47) Il-Kummissjoni tilqa' l-ewwel talba ta' l-awtoritajiet Ċeki li investitur fl-ekonomija tas-suq, kif ukoll il-bejiiegħ jaf li hu fl-interess ta' kumpanija (f'dan il-każ jiġifieri l-INH), li tħallsu l-orħos prezz possibli meta tiġi biex tixtri lura l-ishma tagħha stess. Għaldaqstant, waqt in-negozjati tagħhom għall-prezz ta' l-ishma, l-investitur razzjonali u l-bejjiegħ ikollhom suspetti dwar il-prezz propost fil-qafas ta' tali offerta għax-xiri lura. Jikkonsidrawh biss bħala li jikkostitwixxi f'riflessjoni tal-valur tas-suq jekk dan il-prezz ikun sostnut minn elementi addizzjonali. Per eżempju, jekk l-offerta għax-xiri lura tkun konkluża u tkun suċċess fost l-investituri, li jkun ifisser li perċentwali sinifikanti ta' l-investituri jkunu lesti li jbiegħu l-ishma b'dak il-prezz, l-investitur fl-ekonomija tas-suq normalment iqis dan il-prezz. Madanakollu, fil-każ preżenti, l-offerta għax-xiri lura kienet għadha fis-seħħ meta saret it-tranżazzjoni u ma kien hemm l-ebda informazzjoni li tindika li kienet ser tkun suċċess.

([6]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20,12,2006, p. 1).

([7]) Il-prinċipju ta' l-investitur fl-ekonomija tas-suq ilu li ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ara, per eżempju il-Każ C-305/89 *Alfa Romeo*, ECR [1991] I-603, (paragrafi 19 *et seq.*).

(48) Fir-rigward tat-tieni asserzjoni mill-awtoritajiet Ċeki, il-Kummissjoni trid tisħaq li jridu jiġu analiżżati d-dettalji tal-każ. L-ewwel, ma kien hemm l-ebda prezz fis-suq li seta' jintuża bħala bażi ċara u indiskutibbli għall-valur fis-suq tal-kumpanija ([8]). Konsegwentement, sabiex isir valutazzjoni tal-kumpanija, kien meħtieġ li ssir previżjoni għaċ-ċirkolazzjoni tal-flus fil-futur imbagħad jikkalkulaw il-valur preżenti. It-tieni, il-kumpanija li kienet ser tiġi valutata kienet għaddejja minn riorganiżżazzjoni profonda. Il-kumpanija kienet għadha kemm inbiegħet lill-intrapriża ta' l-azzar kbira u privata mill-Istat, li kellu l-kontroll fuqha sa dik id-data. Din ta' l-aħħar kellha l-inkarigu li timmoderniżża l-kumpanija u li tagħmel investimenti sostanzjali. Meta wieħed jikkonsidra t-tibdil drammatiku fil-kumpanija u l-maniġment tagħha, id-*data* finanzjarja ta' l-imgħoddi ma setgħetx tiġi kkonsidrata bħala gwida ta' min jorbot fuqha għall-azzjonijiet futuri. Il-previżjonijiet dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-flus jew dividendi ma setgħux jiġu bbażati fuq is-serje eżistenti osservabbli. Bħala konklużjoni, il-valutazzjoni tal-kumpanija kienet tiddependi mill-previżjoni, li għaliha ma setgħet tintuża l-ebda bażi indisputibbli. Il-Kummissjoni taqbel li, f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, ma tistax tiġbed konklużjoni mill-fatt li l-prezz propost mill-INH kien imsaħħaħ minn rapport ta' espert u kien approvat mis-CSC bħala li kien jirrappreżenta l-valur tas-suq ta' l-ishma:

(a) Il-Kummissjoni taċċetta li, fir-rigward tar-rapport ta' l-espert, l-investitur fl-ekonomija tas-suq kif ukoll il-bejiieġh jafu li l-espert jintgħażel u jitħallas mill-INH. Minħabba l-fatt li l-valutazzjoni tal-kumpanija INH seta' jsir biss permezz ta' ipoteżi dwar l-iżviluppi tal-futur u mhux permezz ta' indikaturi osservabbli, li minħabba l-privatiżżazzjoni riċenti kien diffiċli li jiġu verifikati, il-konsulent li tqabbad jista' jagħmel ipoteżi konservattiva dwar l-iżviluppi tal-futur sabiex tasal għall-prezz mistenni mill-kumpanija li tagħmel l-ordni mingħajr ma tikkommetti ebda żball formali u b'hekk tqieġhed fil-periklu r-reputazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni tosserva li l-previżjoni magħmula mill-espert magħżul miil-INH kienet tassew konservattiva (ara hawn taħt).

(b) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Ċeki, il-Kummissjoni tosserva li s-CSC ma pproduċitx ir-rapport ta' l-espert tagħha dwar il-valur ta' l-ishma, li kien jieħu post ir-rapport ta' valutazzjoni ta' l-espert ippreżentat mill-NH. Is-CSC ddeċidiet biss jekk ġewx sodisfatti l-kriterji legali biex jinxtraw lura l-ishma tal-kumpanija u r-rapport ta' valutazzjoni ta' l-espert. Fil-każ preżenti l-Kummissjoni tosserva li l-valutazzjoni kellha ssir mill-ipoteżi dwar l-iżvilupp ta' kumpanija li kienet għaddejja minn tibdil drammatiku, u mhux minn fatturi bħalma huma l-prezz tas-suq jew id-*data* finanzjarja ta' l-imgħoddi li tista' tiġi verifikata formalment mis-CSC. Mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Ċeki, il-Kummissjoni tinnota li jekk il-valutazzjoni ta' l-espert ma kellux nuqqasijiet jew inkoerenzi, is-CSC ma tistax sempliċiment tirrifjutah għax hu bbażat fuq ipoteżi "konservattiva" u konsegwentement tasal għall-prezz orħos ta' l-ishma valutati.

(49) Il-Kummissjoni taċċetta t-tielet element imressaq mill-awtoritajiet Ċeki, l-aktar dak li investitur fl-ekonomija tas-suq kien jinterpreta r-rifjut doppju minn qabel mis-CSC bħala li tikkonferma l-aspettattivi tagħha li INH u LNM (l-azzjonist maġġoritarju ta' INH, li hu l-mutur li jagħti spinta lil din l-operazzjoni peress li jixtri mingħand INH l-ishma li l-kumpanija kienet xtrat lura) kienu qed jipprovaw jissottovalutaw il-kumpanija sabiex ikunu jistgħu jħallsu l-anqas prezz possibli għall-ishma li xtaqu jixtru lura.

(50) Fir-rigward tar-raba' asserzjoni mill-awtoritajiet Ċeki, il-Kummisjoni kienet tosserva li, fiż-żmien tal-preparazzjoni tar-rapporti ta' valutazzjoni li kienu ordnati mill-INH u mill-Istat rispettivament fl-ewwel kwart ta' l-2004, il-qliegħ ta' l-INH għas-sena sħiħa 2003 ma kienx għadu magħruf iżda seta' jiġi stmat miċ-ċifri ta' l-ewwel kwart li kienu diġà magħrufa. Għalhekk, il-profitti netti li kienu nklużi fiż-żewġ rapporti ta' valutazzjoni previżti għas-sena sħiħa 2003 huma ta' l-istess kobor. Abbażi tal-qliegħ nett għall-2003, huma jipprevedu li prezz għal kull sehem ta' CZK 550 jagħti P/E ekwivalenti ta' madwar 1,5. (L-awtoritajiet Ċeki kkalkulaw il-proporzjon tal-P/E ta' 1,25 abbażi tal-qliegħ effettiv li ma kienx magħruf dak iż-żmien u li spiċċa biex kien aħjar mill-previżjoni taż-żewġ esperti, għalhekk proporzjon aktar baxx tal-P/E.) Din l-aħħar ċifra hija baxxa ħafna. Investitur fl-ekonomija tas-suq jivvaluta biss kumpanija bi prezz daqshekk baxx jekk fil-futur b'mod eċċezzjonali jkollu aspettattivi negattivi fit-tkabbir tad-dħul nett. Il-Kummissjoni tosserva li l-espert imqabbad mill-INH jikkonsidra tassew li l-qliegħ nett miksub fl-2003 hu ferm eċċezzjonali u jantiċipa li l-profitti ser jonqsu b'żewġ terzi fis-snin li ġejjin. Fi kliem ieħor, dan l-espert jantiċipa li għas-snin ta' wara l-2003 jerġa' jkun hemm kważi l-livell ta' profitti ta' l-2002 (CZK 0,9 biljun), perjodu li fih l-INH kienet għadha qed issofri minn maniġment fqir u nuqqas ta' investiment wara li kienet saret ta' l-istat. L-espert jipprevedi tnaqqis ta' bejgħ u tnaqqis limitat fl-ispejjeż. Il-Kummissjoni tosserva li r-rapport ta' valutazzjoni ma jispjegax b'mod ċar għaliex LNM, li ħadet il-kontroll ta' l-INH fil-bidu ta' l-2003, tkun ineffiċjenti fir-ristrutturar tal-kumpanija, fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż operattivi u tad-dħul, u f'li tiżviluppa aktar prodotti li jagħmlu qliegħ u f'relazzjonijiet kummerċjali. F'kuntrast ma' dan, il-prezz ta' CZK 1 250 ikkalkulat mill-espert imqabbad mill-Istat, KPMG, jagħti

([8]) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni tagħraf li, filwaqt li l-prezz tas-suq normalment huwa l-aħjar indikatur għall-valur ta' l-ishma, il-prezz osservat fil-Borża ta' Praga għall-ishma ta' l-INH ma jikkostitwixxux f'indikatur li tista' torbot fuqu tal-valur ta' 10 % ta' l-ishma tal-kapital ta' l-INH. Tassew, li statistiċi ta' kull xahar u annwali juru li l-valur tal-kummerċ hu ferm limitat. Għaldaqstant, il-prezz tas-suq, mhux riżultat ta' l-interazzjoni ta' numru sostanzjali ta' investituri siniifikanti.

P/E ta' bejn 3 u 3,5. Dan hu fil-qiegħ tal-firxa tal-P/E tas-swieq finanzjarji għall-produtturi ta' l-azzar osservata f'dak iż-żmien. Il-proporzjon baxx jirrifletti previżjoni prudenti għat-tkabbir fil-profitti. Tassew, li KPMG tbassar tnaqqis (limitat) fil-profitti wara l-2003. Għaldaqstant KPMG tirrikonoxxi, bħal ma jagħmel l-espert imqabbad mill-INH, is-sitwazzjoni favorevoli tas-suq ta' l-azzar fl-2003 u n-natura ċiklika tiegħu. Madanakollu, KPMG tantiċipa wkoll li, taħt il-kontroll ta' l-LNM, ikompli l-istrutturar operattiv tal-kumpanija li qabel kienet ta' l-Istat, jinstabu sorsi orħos ta' dħul grazzi għall-integrazzjoni ma' kumpanija kbira ta' l-azzar, u l-produzzjoni tkun orjentata mill-ġdid lejn prodotti li jkollhom aktar valur miżjud. Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni taqbel li investitur fl-ekonomija tas-suq ikun ikkonsidra l-prezz ta' CZK 550 bħala wieħed baxx minħabba l-fatt li jikkorrispondi ma' P/E eċċezzjonalment baxx li hu diffiċli li jkun ġustifikat abbażi tal-progress mistenni fl-andament finanzjarju tal-kumpanija li seta' jkun pjuttost mistenni wara l-privatiżżazzjoni u l-investiment u l-programm ta' ristrutturar imniedi mill-azzjonist privat ġdid tagħha.

(51) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kombinazzjoni ta' l-erba' elementi ta' qabel jgħinu biex jiġi spjegat għaliex, fiż-żmien li l-Gvern kien ser jixtri, il-prezz ta' CZK 550 propost mill-INH fi ħdan il-qafas ta' l-operat għax-xiri mill-ġdid u approvat mis-CSC ma kienx jitqies bis-serjetà minn investitur fl-ekonomija tas-suq u ma kienx jikkostitwixxi għodda għal negozjar serju biex iġġieħel lill-bejjiegħ iraħħas il-prezz. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prezz ieħor ta' riferenza, investitur fl-ekonomija tas-suq ikun innegozja mal-bejjiegħ abbażi tal-prezz ikkalkulat mill-espert ([9]). Hekk kif il-prezz li ħallas il-Gvern Ċek hu fil-limitu tal-prezz ikkalkulat minn KPMG, dawn ir-riżorsi ta' l-Istat kienu nvestiti b'mod li jkunu aċċettabbli għal investitur fl-ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonsidra li x-xiri ta' l-ishma ma jikkostitwixxix f'għajnuna statali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1). Il-Kummissjoni tixtieq tisħaq li din il-konklużjoni hi totalment dipendenti miċ-ċikostanzi partikolari tal-każ preżenti.

(52) Finalment, rigward il-ħames element imressaq mill-awtoritajiet Ċeki, l-aktar għall-fatt li l-offerta pubblika mill-INH biex jixtru lura l-ishma tagħhom bil-prezz ta' CZK 550 kellu rispons fqir, il-Kummissjoni tagħraf li din ma kinitx magħrufa fi żmien l-analiżi tat-tranżazzjoni u għaldaqstant tikkonludi li dan il-fatt ma jistax jiġġustifika għaliex il-prezz propost ma ġiex meqjus mill-Istat.

4.3. **Il-kompatibilità ta' l-għajnuna**

(53) Kif spjegat fi premessi 41 u 42, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-kompatibilità potenzjali mar-regolamenti applikabbli tal-miżura li tinstab li tkun mgħejjuna mill-istat, sabiex tassigura li ma tkunx tikkostitwixxi għajnuna ta' ristrutturar, li mhux permessa skond il-Protokoll Nru 2.

(54) L-għajnuna għat-taħriġ abbażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna għat-taħriġ ([10]).

(55) Id-distinzjoni bejn azzjonijiet għal taħriġ speċifiku u taħriġ ġenerali hi mfassla skond l-Artikolu 2 tar-Regolament. Taħriġ speċifiku hu definit fl-Artikolu 2(d) tar-Regolamenti bħala taħriġ li jinvolvi tagħlim dirett u prinċipalment applikabbli għall-pożizzjoni preżenti jew futura ta' l-impjegat fl-intrapriża mgħejjuna u li jipprovdi l-kwalifiki li mhumiex jew li huma biss sa ċertu punt trasferibbli lill-intrapriżi oħra jew oqsma ta' xogħol ieħor.

(56) Taħriġ ġenerali hu definit fl-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 68/2001 bħala taħriġ li jinvolvi tagħlim li ma japplikax biss jew prinċipalment għall-pożizzjoni preżenti jew futura ta' l-impjegat fl-intrapriża mgħejjuna, iżda li jipprovdi l-kwalifiki li huma trasferibbli b'mod liberu lill-intrapriżi oħra jew oqsma ta' xogħol ieħor u għalhekk itejjeb b'mod sostanzjali l-opportunità ta' xogħol għall-impjegat.

([9]) Ir-rapport ta' valutazzjoni ta' l-espert ma fihx nuqqasijiet. Madanakollu, fid-deċiżjoni tagħha li tibda proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni m'esprimitx dubbji dwar il-validità tal-fehmiet espressi f'dan ir-rapport. Lanqas ma l-analiżi t'hawn fuq tindika li l-konklużjonijiet tagħha mhumiex raġjonevoli.

([10]) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 3. Regolament kif emendat fl-aħħar minn Regolament (KE) Nru 1976/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85).

(57) Ir-Repubblika Ċeka pprovdiet informazzjoni dettaljata għall-korsijiet ta' taħriġ proposti. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tivverifika li d-distinzjoni bejn taħriġ ġenerali u speċifiku applikat mir-Repubblika Ċeka kien f'konformità ma l-Artikolu 2 tar-Regolamenti (KE) Nru 68/2001. Għalhekk, il-korsijiet deskritti bħala taħriġ ġenerali huma konnessi ma' kwalifiki, bħal maniġment, l-iżvilupp personali, il-komunikazzjoni, ħiliet fil-*marketing* u l-awditjar, li huma liberament trasferibbli lill-impriżi jew oqsma oħra ta' xogħol. Bl-istess argument, korsijiet konnessi b'mod partikolari ma' prodotti, teknoloġiji ġodda, inġinerija, proġetti tekniċi, maniġment ambjentali, titjib fil-kwalità, u oħrajn kellhom applikabilità limitata għall-funzjonijiet oħra, kienu deskritti bħala taħriġ speċifiku skond l-Artikolu 2 (d) tar-Regolament. Skond l-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, l-għajnuna għat-taħriġ kienet meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba.

(58) L-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KE) Nru 68/2001 jiddefinixxi l-ispejjeż eliġibbli għal-proġett ta' taħriġ u jitlob li l-informazzjoni dwar l-ispejjeż ikunu trasparenti u elenkati. Ir-Repubblika Ċeka għaddiet lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż marbuta mal-proġett, li kienu elenkati b'tali mod li kien possibli li jkunu identifikati dawn l-ispejjeż ma' dawk imfassla fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament. Din l-informazzjoni kienet konformi ma' dik mitluba mill-Artikolu 4(7) tar-Regolament.

(59) Aktar minn hekk, l-intensitajiet ta' l-għajnuna applikati mir-Repubblika Ċeka kienu konformi ma' l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna permessa skond l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 68/2001. Għalhekk, l-intensitajiet ta' l-għajnuna proposta jikkorrispondu ma' dawk permessi mir-Regolament għat-taħriġ speċifiku u ġenerali, rispettivament, fir-rigward ta' intrapriżi li qegħdin f'żoni li jikkwalifikaw għall-għajnuna reġjonali skond l-Artikolu 87(3)(a) tat-trattat tal-KE.

(60) Bħala konklużjoni, l-għajnuna hi konformi mal-ħtiġijiet imniżżla fir-Regolament (KE) Nru 68/2001.

5. **KONKLUŻJONI**

(61) Il-Kummissjoni tikkonkludi li t-taħriġ għall-għajnuna ta' CZK 44 088 300 (EUR 1,55 miljun) favur TŽ hi konformi mar-Regolament (KE) No 68/2001.

(62) L-għajnuna ta' għeluq ta' CZK 4 152 500 (EUR 0,14 miljun) mhux ser titħallas lil TŽ għax TŽ bidlet il-pjanijiet kummerċjali tagħha.

(63) Ix-xiri ta' l-ishma ta' l-INH li kellhom TŽ ma jikkostitwixxux għajnuna statali.

(64) Għaldaqstant, dawn it-tliet miżuri ma jikkostitwixxux għajnuna mohbija għar-ristrutturar lil TŽ, li kien imur kontra l-Protokoll Nru 2,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna ta' CZK 44 088 300 għat-taħriġ favur Třinecké železárny, a.s. hi konformi mal-kriterji imniżżla fir-Regolament (KE) Nru 68/2001 u ma tikkostitwixxix għajnuna għar-ristrutturar skond it-tifsira tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003.

Ix-xiri ta' l-ishma ta' ISPAT Nová Huť li kellha Třinecké železárny, a.s. ma jikkostitwixxix għajnuna statali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija ndirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni